# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Tletin (30) ta’ Novembru 2023**

**Rikors Numru 1124/2011 FDP**

Fl-ismijiet

**Sergio Manche’**
**(ID 121356M)**

**Vs**

**Carmel sive Charles Grech**
**(ID 1099347M)**

**u b’digriet tat-28 ta’ Ġunju 2023, Jeremy Charles Grech (ID 321690M) assuma l-atti wara l-mewt ta’ Carmel sive Charles Grech**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta’ Novembru 2011, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi l-esponent u l-intimat huma t-tnejn fil-kummerċ u kienu għal xi żmien joperaw negozju flimkien, konsistenti fl-importazzjoni ta' merce mill-esteru u bejgħ fuq is-suq lokali;*

    2. *Illi għall-finijiet tal-preċitat negozju il-partijiet kontendenti kienu joperaw bin-numru tal-VAT 1172-6930, li huwa reġistrat fuq l-isem tar-rikorrent Sergio Manche’;*

    3. *Illi fit-12 ta' Settembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005), il-partijiet kienu ftehmu bil-miktub mat-Tax Compliance Unit dwar ħlasijiet ta' income tax u ta' VAT relattivi għall-operat tagħhom fuq in-numru tal-VAT fuq*

*indikat, fejn aċċettaw il-proposta ta' joint assessment minflok dik ta' separate assessment fl-ammont globali ta' sittax-il elf disa' mija tlieta u ħamsin lira Maltin [Lm16,953], illum ekwivalenti għal disa' u tletin elf, erba' mija disa' u tmenin ewro u seba' u tmenin ċenteżmu (€39,489.87] [Dok. SM1];*

4. *Illi, minn naħa tagħhom, il-partijiet kontendenti ftehmu wkoll illi l-ammont fuq indikat kellu jinqasam u jitħallas pro-rata in kwantu għal ħames t'elef, tmien mija u għoxrin lira Maltin [Lm5,820], illum ekwivalenti għal tlettax-il elf, ħames mija sitta u ħamsin ewro ħamsa u disgħin ċenteżmu [€13,556.95] mill-esponent u ħdax-il elf, mija tlieta u tletin liri Maltin [Lm11,133], illum ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin elf, disa' mija tnejn u tletin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu [€25,932.91] mill-intimat u dana kif jirriżulta mill-anness Dok. SM2;*

5. *Illi, kif kien miftiehem, l-esponent ħallas kull ma kien dovut minnu ai termini tal-preċitat ftehim milħuq mal-intimat, u dana fis-sena elfejn u ħamsa (2005) direttament lid-Dipartiment tal-VAT;*

6. *Iżda, l-intimat, għalkemm kien obbliga ruħu illi jħallas l-ammont fuq indikat fil-presenza ta' uffiċjali tat-tax compliance unit, baqa' ma ħallas xejn mill-ammont minnu dovut kif pattuwit al termini tal- ftehim datat 12 ta' Settembru 2005, la lill-esponent u wisq anqas lid-Dipartiment tal-VAT;*

7. *Illi, b'konsegwenza għal tali inadempjenza tal-intimat, id-Dipartiment tal-VAT interpella lill-esponent, bħala l-persuna reġistrata ai termini tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, sabiex jħallas huwa stess l-ammont li l-intimat kien intrabat illi jħallas kif premess. B'riżultat ta' hekk, l-esponent kien kostrett illi jħallas l-ammont dovut mill-intimat lid-Dipartiment tal-VAT, permezz ta' serje ta' pagamenti rateali, bl-aħħar pagament tħallas fis-6 ta' Lulju 2010 [Dok. SM3];*

8. *Illi, inoltre, b'riżultat tan-nuqqas u l-inadempjenza tal-intimat, akkumulaw ukoll diversi multi kif ukoll imgħaxijiet fuq l-ammont minnu dovut, liema ħlas ta' multi u imgħaxijiet għadhom pendenti mad-Dipartiment tal-VAT u għadhom qed jakkumulaw. Id-Dipartiment tal-VAT qiegħed jippretendi l-ħlas ta' tali multi u imgħaxijiet mingħand l-esponent bħala l-persuna reġistrata għall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;*

9. *Illi b'konsegwenza diretta tal-inadempjenza kontrattwali tal-intimat, l-esponent sofra u għadu qed isofri danni inġenti konsistenti fil-ħlasijiet minnu ġia' magħmula lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-ammonti li kellhom jitħallsu mill-intimat oltre multi u imgħaxijiet fuq l-istess ammonti li akkumulaw u għadhom qed jakkumulaw kif premess;*

10. *Illi għalkemm l-intimat ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont minnu dovut lid-Dipartiment tal-VAT, kif ukoll l-imgħax u l-multi relattivi, huwa baqa' inadempjenti;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet l-esponent fuq premessi jitlob lii din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

1. *Tiddikjara lill-intimat Carmel sive' Charles Grech inadempjenti fl-obbligi kontrattwali minnu assunti a favur ir-rikorrent ai termini tal-iskrittura datata 12 ta' Settembru 2005 [Dok. SM1] u li b'konsegwenza ta' tali inadempjenza ir-rikorrent sofra danni, konsistenti fi ħlasijiet li l-istess rikorrent kien kostrett iħallas lid-Dipartiment tal-VAT oltre multi u imgħaxijiet li akkumulaw u għadhom qed jakkumulaw ulterjorment kif premess, għal liema danni huwa unikament responsabbli l-intimat;*

2. *Tillikwida, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi, id-danni subiti mir-rikorrent ai termini tat-talba preċedenti konsistenti inter alia fl-ammont ta' ħdax-il elf, mija tlieta u tletin liri Maltin [Lm11,133], illum ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin elf, disa' mija tnjen u tletin ewro wieħed u disgħin ċenteżmu [€25,932.91] rappreżentanti ħlasijiet li l-istess rikorrent kien kostrett iħallas lid-Dipartiment tal-VAT kif premess, kif ukoll multi u imgħaxijiet li akkumulaw u għadhom qed jakkumulaw ulterjorment fuq l-istess ammonti kif premess;*

3. *Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas id-danni likwidati ai termini tat-talba precedenti konsistenti fl-ammont ta' ħdax-il elf mija tlieta u tletin liri Maltin [Lm11,133], illum ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin elf disa' mija tnjen u tletin ewro wieħed u disgħin ċenteżmu [€25,932.91] rapprezentanti ħlasijiet li l-istess rikorrent kien kostrett li jħallas lid-Dipartiment tal-VAT kif premess, kif ukoll multi u imgħaxijiet li akkumulaw u li għadhom qed jakkumulaw ulterjorment fuq l-istess ammonti hekk kif likwidat.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali b'effett mill-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess intimat li huwa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-20 ta' Jannar 2012, l-intimat laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

   1. *Illi d-danni reklamati huma preskritti bid-dekors ta' sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili u / jew dekors ta' ħames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili.*

   2. *Illi l-esponent ma għandu jagħti xejn lir-rikorrent. Anzi, għal kuntrarju, huwa r-rikorrent li huwa debitur ta' l-esponent għal ammonti kbar ta' flejjes għaż-żmien li huma kienu jinnegozjaw flimkien.*

   3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

4. Rat illi, permezz ta’ sentenza mogħtija fit-23 ta’ Ottubru 2013, dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ta’ l-intimat u ddikjarat l-azzjoni bħala preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.

5. Rat illi permezz ta’ sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil 5 ta’ Ottubru 2018, il-Qorti tal-Appell annullat id-deċiżjoni ta’ l-Ewwel Qorti “*għax l-azzjoni għall-ħlas tat-taxxa ma ntlaqatx bl-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili iżda b’disposizzjonijet oħra tal-Liġi*”.

6. Rat illi fit-22 ta’Ottubru 2018, hekk kif il-kawża kienet ri-appuntata għas-smigħ fil-15 ta’ Ottubru 2019, l-intimat ressaq eċċezzjonijiet ulterjuri illi jgħidu li ġej:

   *“Jeċċepixxi bil-qima il-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta’ l-Artikolu 2156 (g) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.”*

7. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fis-7 ta’ Ottubru 2019.

8. Rat illi fl-4 ta’ Frar 2020, din il-Qorti kif ippresjeduta għaddiet biex ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156 (g) tal-Kap 16 u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

9. Rat illi fis-6 ta’ Frar 2020, l-intimat talab illi jappella minn tali deċiżjoni, liema talba ġiet miċħuda minn dina l-Qorti permezz ta’ digriet tal-11 ta’ Frar 2020 peress “*illi l-każ ilu pendenti ġia għal aktar minn disgħa snin u jeħtieġ illi jingħalaq*”.

Provi

10. Rat ix-xhieda ta’ **Sergio Manche** mogħtija fl-24 ta’ Ottubru 2012 (fol 29).

11. Rat ix-xhieda ta’ **Connie Azzopardi**, bħala rappreżentant tad-Dipartiment tal-VAT, mogħtija fit-18 ta’ April 2013 u rat id-dokumentazzjoni minnha eżebita inkluż dokumentazzjoni dwar pagament ta’ € 6,362 imħallsa mir-rikorrenti fil-15 ta’ Marzu 2012 bħala parti minn skema ta’ amnestija mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti (fol 40 sa 44).

12. Semgħet ix-xhieda ta’ **Emanuel Azzopardi**, awditur, prodott mir-rikorrent u mogħtija fis-27 ta’ Ottubru 2020 (fol 133 – 154).

13. Semgħet ix-xhieda ta’ **Michelle Xuereb**, bħala rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija fit-13 ta’ Jannar 2021 u rat id-dokumentazzjoni minnha eżebita, ossija dokumentazzjoni dwar taxxa tar-rikorrent.

14. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta’ Michelle Xuereb mogħtija fit-12 ta’ Mejju 2021 u rat id-dokumentazzjoni minnha eżebita. (fol 193)

15. Rat l-affidavit ta’ Charles Grech maħluf quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Elena Naudi Depasquale fis-7 ta’ Lulju 2021.

16. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Charles Grech mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Elena Naudi Depasquale fis-7 ta' Lulju 2021.

17. Rat l-affidavit ta' **Sergio Manche** ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2021 (fol 216).

18. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Michelle Xuereb illi saret fit-12 ta' Jannar 2022. (fol 219 sa 221) u rat id-dokumentazzjoni minnha eżebita.

19. Semgħet ix-xheida ta' **Dr Vincienne Vella**, bħala rappreżentanta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni mogħtija fid-29 ta' Marzu 2022 u l-14 ta' Ġunju 2022.

20. Rat illi fl-14 ta' Ġunju 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali.

21. Rat is-sottomissjonijiet rikorrenti ippreżentati fit-3 ta' Ottubru 2022.

22. Rat is-sottomissjonijiet intimati ippreżentati fit-3 ta' Jannar 2023.

23. Rat illi fl-24 ta' Jannar 2023, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

24. Rat illi fit-8 ta' Ġunju 2023, sar rikors fejn intalbet li Jeremy Charles Grech jassumi l-atti flok missieru, Charles Grech, illi kien miet fid-9 ta' Frar 2023, liema talba intlaqgħet fit-28 ta' Ġunju 2023.

**Ikkunsidrat**

25. Jirriżulta illi l-partijiet, bejn is-snin 1998 sas-sena 2004, kienu jagħmlu negozju flimkien, fejn l-intimat kien jimporta merkanzija, ossija '*household goods*' għall-bejgħ f'Malta, liema merkanzija kien iħallas għaliha l-intimat, iżda liema merkanzija kienet tiġi importata f'isem ir-rikorrent li kellu l-ħanut, ossija 'Tabletop', fejn in-numru tal-VAT tar-rikorrent kien qiegħed jintuża għal finijiet uffiċjali ta' importazzjoni.

26. Jirriżulta illi r-rikorrent sussegwentement kien iħallas lill-intimat is-sehem tiegħu tal-profit, illi kellu jkun għaxra fil-mija tal-invoice ta' barra.

27. Jirriżulta illi, mument minnhom fis-sena 2004, l-operat tar-rikorrent Sergio Manche beda jiġi investigat mit-Tax Compliance Unit, fejn kien qed jiġi investigat talli, skond l-awtoritajiet, ma kienx qiegħed jirreġistra l-bejgħ kollu.

28. Jirriżulta illi, mument minnhom, fin-negozjati illi kienu qed isiru mad-Dipartiment tat-taxxa, ġie miftiehem illi flok ma jkun hemm "separate assessments" taż-żewġ partijiet, huma jagħmlu "joint assessment" filwaqt illi eventwalment jaqsmu l-ammont dovut bejniethom.

29. Jirriżulta, di fatti, illi fit-12 ta' Settembru 2005, huma daħlu fi ftehim mal-awtoritajiet fejn qablu illi jħallsu s-somma ta' Lm16,953, ossija €39,489.87, kif proposta mill-Awtoritajiet.

30. Jirriżulta illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim illi dina s-somma kellha titħallas, kwantu għal Lm5,820, ossija €13,556.95, mir-rikorrent, filwaqt illi l-bilanċ ta' Lm11,133 ossija €25,932.91, kellha titħallas mill-intimat.

31. Jirriżulta illi l-intimat, illum mejjet Charles Grech, saħaq illi r-rikorrent, dak iż-żmien, kellu jħallsu ħafna flus għall-merkanzija illi kienet ġiet lilu mgħoddija iżda li ma kinetx ġiet imħallsa, u għalhekk kienu ftehmu illi kellu jaqta' dak l-ammont dovut mill-intimat, ossija €25,932, mill-bilanċ dovut lill-intimat.

32. Jirriżulta illi għalhekk, l-ammont ta' €25,932, għalkemm aċċettata mill-intimat, anke fix-xhieda tiegħu, illi huwa dovut, qatt ma tħallas mill-intimat lill-awtoritajiet peress illi huwa ppretenda illi jħallas ir-rikorrent stante illi kien jafu ammont ta' flus akbar.

33. Jirriżulta illi wara li l-partijiet waqfu illi jaħdmu flimkien, għal xi żmien ir-rikorrent baqa' jopera bil-VAT number tiegħu.

34. Jirriżulta illi r-rikorrent, permezz tal-proċeduri odjerni, qiegħed jikkontendi illi huwa spiċċa ħallas l-ammont kollu illi kien attwalment miftiehem mal-awtoritajiet tat-taxxa u għalhekk kien qiegħed jitlob għar-rifużjoni tas-somma illi kellha titħallas mill-intimat u li qatt ma tħallset, kif ukoll imgħax u multi oħra illi huwa inkorra sussegwentement.

**Ikkunsidrat**

35. Jirriżulta illi r-rikorrent, bħala provi tiegħu, ppreżenta kopja ta' ftehim iffirmat fil-15 ta' Settembru 2005 (fol 5), kif ukoll skeda li kienet saret tal-kalkoli u ċekk maħruġ lid-Dipartiment tal-VAT fl-1 ta' Lulju 2010 fl-import ta' €1,200 (fol 8).

36. Jirriżulta wkoll illi, fil-15 ta' Settembru 2005, ir-rikorrent kien għamel pagament ta' Lm3,887, ossija €9,054.27 (fol 267).

37. Jirriżulta minn Statement eżebit mid-Dipartiment tal-VAT fis-sena 2013, illi fil-15 ta' Settembru 2005 kien sar ukoll pagament ieħor ta' €2,772.37 (vide fol 41).

38. Jirriżulta illi, bejn Frar tas-sena 2010 u Lulju 2010, ir-rikorrent ħallas serje ta' pagamenti li flimkien jammontaw għal €10,700, liema pagamenti ma jidhirx illi kienu b'xi mod konnessi man-negozju tiegħu wara li waqaf jopera flimkien ma' l-intimat (fol 261 sa 266).

39. Jirriżulta, finalment, illi fil-15 ta' Marzu 2012, ir-rikorrent ibbenefika minn amnestija mogħtija mill-Gvern tal-ġurnata għas-sena 2012, u ħallas is-somma ta' €6,362.02 għas-saldu ta' kwalsiasi pendenza illi kien hemm, tant illi, fix-xhieda tagħha tat-18 ta' April 2013, ir-rappreżentanta tad-Dipartiment tal-VAT ikkonfermat illi "ir-rikorrenti Manche m'għandu jagħti xejn lid-Dipartiment tal-Vat" (fol 39).

40. Jirriżulta, għalhekk, illi wara l-ftehim tal-15 ta' Settembru 2005, ir-rikorrent ħallas total ta' €28,888.66 jiġifieri l-ammont ta' Lm12,399 minn l-ammont oriġinalment miftiehem ta' Lm16,953, ossija €39,489.87, kif proposta mill-Awtoritajiet.

41. Jirriżulta wkoll illi fil-perjodu ta' żmien, fuq indikat, ir-rikorrent ħallas pagamenti oħra tal-VAT, iżda jidher ċar illi tali pagamenti huma relatati ma' bejgħ minnu reġistrat wara li r-relazzjoni kummerċjali ta' bejn il-partijiet intemmet.

**Ikkunsidrat**

42. Jirriżulta illi, fil-proċeduri odjerni, kif ġia fuq indikat, ir-rikorrent qiegħed jiltob għar-rifużjoni da parte ta’ l-intimat tas-sehem illi huwa kellu jħallas flimkien ma’ spejjeż u imgħax ieħor.

43. Jirriżulta wkoll illi l-ftehim kien illi r-rikorrent iħallas €13,556.95, ossija Lm5,820, filwaqt illi l-intimat iħallas il-kumplament, ossija €25,932.91, ossija Lm11,133.

44. Jirriżulta illi, filwaqt illi huwa ammess mill-intimat stess illi huwa ma ħallasx dak li kellu jħallas, peress illi nsista illi kellu jitħallas aktar flus mir-rikorrent, liema pretensjoni kienet ukoll il-meritu ta’ kawża illi qed tiġi deċiża llum stess kontestwalment mal-kawża odjerna (360/2013FDP), jirriżulta, iżda, illi r-rikorrent ma ħallasx l-ammont kollu dovut mill-intimat u li qed jitlob ir-rifużjoni tiegħu.

45. Jirriżulta, di fatti, illi ġie ppruvat li r-rikorrent ħallas biss l-ammont ta’ €28,888.66 jiġifieri l-ammont ta’ Lm12,399 minn l-ammont oriġinalment miftiehem ta’ Lm16,953, ossija €39,489.87.

46. Ladarba kien miftehem u aċċettat mir-rikorrent illi s-sehem tiegħu kien ta’ €13,556.95, daka jfisser illi l-bilanċ imħallas ta’ €15,331.71 kien attwalment dovut mill-intimat, skond il-ftehim oriġinalment milħuq, u għalhekk għandu jiġi rifuż lir-rikorrent.

47. Il-Qorti tirrileva illi għalkemm ir-rikorrent jinsisti illi għandu jiġi rifuż kemm l-ammont ta’ €25,932.91 kif ukoll imgħax u multi, jirriżulta li, filwaqt illi l-imgħax u multi ġew kollha maħfura lir-rikorrent stramite l-amnestija tas-sena 2012, mill-ammont ta’ €25,932.91, huwa attwalment spiċċa ħallas biss €15,331.71, peress illi hawnhekk ukoll huwa bbenefika mill-amnestija tas-sena 2012.

48. Għalhekk, huwa ġust u korrett illi r-rikorrenti jintradd lura BISS dik il-parti illi huwa ħallas ‘l hinn minn dik illi huwa kellu jħallas, u xejn aktar – u dana jammonta għal €15,331.71.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta’ l-intimat, u għalhekk:

**Tilqa’** t-talba kif dedotta kif ġej u, konsegwentement:

**Tiddikjara** lill-intimat Carmel sive’ Charles Grech kien inadempjenti fl-obbligi kontrattwali minnu assunti a favur ir-rikorrent ai termini tal-iskrittura datata 12 ta‘ Settembru 2005 u b’konsegwenza ta’ tali inadempjenza ir-rikorrent kien kostrett iħallas lid-Dipartiment tal-VAT ħlasijiet li l-intimat kien obbligat li jħallas;

**Tillikwida** d-danni subiti mir-rikorrent fl-ammont ta’ ħmistax-il elf, tlett mija u wieħed u tletin euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€15,331.71);

**Tikkundanna** lill-intimat sabiex iħallas is-somma ta’ **ħmistax-il elf, tlett mija u wieħed u tletin euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€15,331.71)** bl-imgħax mill-15 ta’ Marzu 2012 ‘l quddiem, ossija d-data meta r-rikorrent ibbenefika mill-amnestija tal-Gvern.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta’ l-intimat.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**